**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2016**

| | | |
|---|---|---|
| **IR-RABA' SENA** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **IL-ĦIN: Siegħa** |

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** _________

| Marka Totali |
|---|
| ______ / 80 |

## A. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba. (10 marki)

1. Meta t-temperatura tkun baxxa ħafna, l-ilma tax-xita jsir (silġ, sħab, sħun).
2. Fix-xitwa x-xemx tkun aktar baxxa u l-ġurnata (titwal, tiqsar, tinbidel).
3. F'Malta m'għandniex (xmajjar, muntanji, widien) biex jilqgħu r-riħ.
4. Ir-riħ huwa arja (għolja, kbira, miexja).
5. It-termometru ġie vvintat minn xjenzat (Ingliż, Svediż, Amerikan).
6. Il-(ħamrija, bandla, boxxla) nsibuha fuq l-ajruplani, il-vapuri u d-dgħajjes.
7. L-ilma ġieri, l-ilma fil-bjar u fil-ġwiebi jiġi mix-(xita, xemx, xlokk).
8. Ħafna festi Maltin jiġu ċċelebrati (fir-rebbiegħa, fis-sajf, fix-xitwa).
9. Id-Deżert tas-Saħara jiksi parti kbira mill-kontinent (Afrikan, Awstraljan, Amerikan).
10. L-istaġun bejn il-21 ta' Ġunju u l-20 ta' Settembru huwa (l-ħarifa, s-sajf, r-rebbiegħa).



**B. Ikteb VERU jew FALZ. Ara l-eżempju.** **(10 marki)**



| | | |
|---|---|---|
| *Eż.* | *Fl-Awstralja nsibu partijiet mimlija bid-deżert.* | *Veru* |
| 1 | Fis-Siberja t-temperatura ġieli tinżel 70 grad taħt iz-zero. | |
| 2 | It-temp jinbidel skont l-istaġuni. | |
| 3 | Il-ħarifa tiġi wara x-xitwa. | |
| 4 | Meta t-temperatura tkun baxxa, l-ilma tax-xita jisħon. | |
| 5 | Meta t-temperatura tkun 36°C inkun nista' mmur ngħum. | |
| 6 | Fl-eqqel tax-xitwa jkollna bżonn inkessħu d-dar. | |
| 7 | Fl-Awstralja hemm bosta reġjuni li jixbħu l-klima ta' Malta. | |
| 8 | Il-pajjiżi li jinsabu qrib l-ekwatur jieħdu l-istess ammont ta' sħana s-sena kollha. | |
| 9 | Ir-rebbiegħa tibda fil-21 ta' Marzu. | |
| 10 | It-temp ma jaffettwax ix-xogħol tal-bidwi. | |

**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti dwar il-ħin liberu. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-boċċi | l-għana | il-kompjuter | il-kaċċa | ż-żibeġ |

Fl-antik, in-nies kellhom bosta passatempi fosthom ______________________ u ______________________. It-tfal kienu jgħaddu ħafna ħin jilagħbu barra. Fost ħafna logħob kienu jilagħbu ______________________ u ______________________.

Ħafna mill-passatempi llum inbidlu. Insemmu pereżempju li llum bosta logħob li t-tfal jilagħbu nsibuh fuq ______________________.

**D. Bil-għajnuna tal-istampa, imla l-vojt. (5 marki)**




1. **Lbiċ** huwa mmarkat bl-ittra ... ______________________
2. Liema direzzjoni turina l-ittra Ċ ? ______________________
3. Mid-direzzjoni B jonfoħ riħ mill-... ______________________
4. Riħ li jonfoħ mid-direzzjoni A, ikun ġej mit- ... ______________________
5. Min-Nofsinhar jonfoħ riħ sħun jew riħ kiesaħ? ______________________

**E. Aqra sew dan li ġej.** **(10 marki)**

Bħalissa ninsab fil-vaganzi tas-sajf. Nista' nilbes ħwejjeġ ħfief, niekol il-ġelati u mmur il-baħar biex niffriska ftit. F'dan iż-żmien ikun hawn ħafna festi. Niekol ħafna frott bħal ħawħ, għajnbaqar, dulliegħ u bettieħ. Ftit tal-ġranet oħra jkollna l-festa ta' Santa Marija.



**Issa aħseb sew fuq li qrajt u mit-TABELLA, agħżel l-aħjar tweġiba biex timla r-rapport tat-temp. Xi tweġibiet huma żejda.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Xemxi u sabiħ | 8:00pm | 5mm | ħafif mix-Xlokk |
| ħafif bi ftit li xejn imbatt | 5:00pm | 11 | xejn |
| Il-Ħadd 10 t'Awwissu | 37 °C | 3 | qawwi mill-Majjistral |
| Il-Ħadd 10 ta' Marzu | 25 °C | tas-sajf | tar-rebbiegħa |

1 Data ____________________

2 Temp ____________________

3 Riħ ____________________

4 Baħar/Imbatt ____________________

5 L-ogħla temperatura ____________________

6 Ix-xemx tinżel ____________________

7 It-temperatura tal-baħar ____________________

8 UV index ____________________

9 Xita ____________________

10 Dan huwa l-istaġun ____________________

F. **Qabbel billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.** **(10 marki)**
**Ara l-eżempju.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| *1* | *Il-pitiross ipassi minn Malta* | | Ħal Luqa. |
| 2 | L-umdità mhijiex ħlief ilma | | riħ qawwi. |
| 3 | L-uffiċċju meteoroloġiku qiegħed | | fis-sajf. |
| 4 | Bl-anemometru nkejlu | | fir-rapport tat-temp. |
| 5 | Grigalata tfisser | | fir-rebbiegħa. |
| 6 | Informazzjoni dwar it-temp insibuha | | fl-arja. |
| 7 | Fl-Awstralja l-Milied jiġi ċċelebrat | | l-qawwa tar-riħ. |
| 8 | Il-festa tal-Għid il-Kbir tiġi ċċelebrata | | l-ekwatur. |
| 9 | Fir-reġjuni ta' kesħa kbira, f'ambjent aħrax u kiesaħ insibu nies li nsejħulhom | *1* | *fil-ħarifa.* |
| 10 | Fl-Amerika t'isfel, il-pajjiżi bħall-Brażil jinsabu qrib | | Ħimalaja. |
| 11 | Fiċ-Ċina nsibu kesħa kbira tal-muntanji | | Eskimiżi. |

**Ġ. Semmi** **(10 marki)**

| *Eż.* | *Maltempati kbar b'ħafna xita u riħ qawwi* | *ċikluni* |
|---|---|---|
| 1 | Permezz tiegħu nkejlu kemm tkun niżlet xita. | |
| 2 | F'dan l-istaġun tibda l-iskola. | |
| 3 | Jitla' u jinżel fit-termometru skont is-sħana jew il-kesħa li tagħmel. | |
| 4 | F'din il-festa konna nilbsu ta' maskarati. | |
| 5 | Dan għamel l-ewwel presepju. | |
| 6 | Isem ieħor li ngħidu għall-festa ta' San Pietru u San Pawl. | |
| 7 | Strument mużikali li kien jintuża fl-antik. | |
| 8 | Iżommu l-ħamrija milli tinżel fil-widien. | |
| 9 | Ħafna siġar jerġgħu jtellgħu l-weraq f'dan l-istaġun. | |
| 10 | Din tħares dejjem lejn it-Tramuntana. | |



**G. Imla l-vojt b'dan il-kliem. (10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **tromba** | **titwal** | **Marsaxlokk** | **klima** | **ħamla** |
| **kitarri** | **drawwiet** | **Istati Uniti tal-Amerika** | **pingwini** | **Indja** |

1. Fis-sajf tagħmel ħafna sħana, ix-xemx tkun fil-għoli u l-ġurnata

   _________________________ .

2. Riħ li jobrom u jdur fit-tond jissejjaħ _________________________.

3. Fl-_________________________, il-klima tinbidel minn sitt xhur

   sħaħ ta' xita għal-sitt xhur ta' nixfa kbira.

4. Fil-Pol tat-Tramuntana jgħix l-Ors Polari filwaqt li fil-Pol

   tan-Nofsinhar insibu l-_________________________.

5. Is-sajjieda f'Malta nsibuhom l-aktar fl-irħula ħdejn il-baħar bħal

   _________________________.

6. Bosta _________________________ daħlu f'Malta permezz

   tal-Kavallieri.

7. L-għana Malti jkun akkumpanjat mill-_________________________.

8. Kelma oħra għall-elementi tan-natura bħas-sħana, il-kesħa,

   ix-xita, il-borra jew in-nixfa hija _________________________.

9. Fl-_________________________ nsibu sensiela ta' muntanji kbar

   magħrufa bħala *The Rocky Mountains.*

10. Il-ħamrija li tiltaqa' ma' ħmieġ u skart ieħor u tinġarr mal-ilma

    tax-xita tissejjaħ _________________________.

**Għ. Iċ-Ċiklu tal-ilma** **(3 marki)**

Ix-xemx, bir-raġġi u bis-sħana tagħha, tiġbed l-ilma lejha; l-ilma jitla' 'l fuq. L-ilma li tiġbor ix-xemx jinġabar minn bosta bnadi.

**Semmi tliet eżempji minn fejn jevapora l-ilma.**

1. ______________________________

2. ______________________________

3. ______________________________

**Imla l-vojt f'dan li ġej.** **(2 marki)**

4. L-ilma li jevapora jsir ______________ bħal dak li joħroġ mill-kitla. Dan ikun safi u ______________.



**H. Ikteb ħames sentenzi biex tispjega għaliex l-ilma huwa importanti għalina l-bnedmin.** **(5 marki)**

1. ______________________________

2. ______________________________

3. ______________________________

4. ______________________________

5. ______________________________

**TMIEM IL-KARTA**